MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2004

Citazzjoni Numru. 1173/2000/1

**Margaret Zammit**

**vs**

**Joseph Zammit**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 8 ta’ Gunju 2000 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi, l-kontendenti zzewgu fl-24 ta’ April 1992 Dok. “A”;

Illi l-hajja konjugali ta’ bejn il-kontendenti saret impossibbli minhabba inkompatibilita’ ta’ karattru kif ukoll minhabba sevizzji gravi, ingurji u mohqrija da parti tal-konvenut lejn l-attrici martu;

Illi l-attrici tixtieq tottjeni s-separazzjoni personali *ad mensa et thoro* minn mal-konvenut zewgha u hekk ikun hemm ukoll ix-xoljiment u d-divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti;

Illi l-attrici giet debitament awtorizzata tistitwixxi dawna l-porceduri permezz ta’ digriet tas-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili numerat 137/2000 Dok. “B”;

Illi, l-istess attrici talbet lil din l-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dana minhabba inkompatibilita’ ta’ karattru kif ukoll minhabba sevizzji gravi, ingurji u mohrqija da parti tal-konvenut lejn l-attrici;

2. Tiddikjara li l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti hija xolta;

3. Tordna l-likwidazzjoni w id-divizjoni tal-istess komunjoni tal-akkwisti, u dana mhux necessarjament fi kwoti ugwali bejn il-partijiet;

4. Tiddikjara illi l-konvenut iddekada mid-drittijiet konjugali kollha kontemplati fil-**Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta**;

Bl-ispejjez, il-konvenut li minn issa qed jigi ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici, il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta’ Joseph Zammit datata 30 ta’ Novembru 2000 a fol. 12 tal-process fejn ecepixxa bir-rispett:-

1. Illi huwa m’ ghandhux opposizzjoni illi jkun hemm id-dikjarazzjoni ghas-separazzjoni bejn il-partijiet minhabba li z-zwieg tkisser irremdejabbilment;

2. Illi huwa jinsisti ghad-divizjoni gusta tal-beni tal-komunjoni tal-akkwisti;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut u l-lista tax-xhieda a fol. 12 u fol. 13 tal-process.

Rat il-verbal datat 6 ta’ Frar 2001 fejn b’ordni tal-Qorti gie iffissat inkontru bejn il-partijiet u d-difensuri taghhom u dana bil-ghan li jintlahaq ftehim bonarju u dan fit-12 ta’ Frar 2001.

Rat il-verbal tat-13 ta’ Frar 2001 fejn il-Qorti giet infurmata li hemm possibilita’ ta’ separazzjoni konsenswali.

Rat il-verbal tal-15 ta’ Gunju 2001 fejn il-Qorti giet infurmata li s-separazzjoni konsenswali ma sehhitx. Il-Qorti nominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr. Beppe Fenech Adami biex jigbor il-provi.

Rat il-verbal datat 22 ta’ Novembru 2001.

Rat l-avviz tal-Qorti datat 17 ta’ April 2002, il-Qorti ordnat li din il-kawza tigi differita quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D. ghas-17 ta’ Ottubru 2002.

Rat il-verbal datat 17 ta’ Ottubru 2002, fejn inghata digriet tal-affidavit tal-partijiet b’ terminu ta’ 40 jum. Il-Qorti ordnat lill-Assistent Gudizzjarju biex jiffissa hames (5) seduti ghall-provi kollha tal-partijiet fil-mori tad-differiment.

Rat is-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Beppe Fenech Adami, datati 4 ta’ Frar 2002, 1 ta’ Marzu 2002, 12 ta’ Marzu 2002, 5 ta’ Novembru 2002 u 14 ta’ Novmerbu 2003 minn fol. 22 sa fol. 46 tal-process.

Rat il-verbal datat 4 ta' Gunju 2003, fejn id-difensuri nfurmaw lil Qorti li l-partijiet kellhom jitransigu. Il-Qorti nutat li ma kien sar xejn minn dak degretat minnha fis-17 ta' Ottubru 2002. Dr. Paul Farrugia preciza li l-provi attrici kienu ilhom maghluqa.

Rat il-verbal datat 24 ta' Gunju 2003, fejn id-difensuri nfurmaw lil Qorti li l-partijiet ma transigewx. Il-Qorti ordnat li t-terminu tal-affidavit tal-konvenut jibda jghodd mid-data tal-verbal. Il-Qorti ordnat lill-Assistent Gudizzjarju Dr. Beppe Fenech Adami biex izomm zewg seduti fil-mori tad-differiment ghall-provi kollha tal-partijiet, liema provi ma jkunx producibbli bil-procedura tal-affidavit.

Rat il-verbal datat 5 ta' Novembru 2003, fejn id-difensuri ddikjaraw li se jipprezentaw minuta ta' kuntratt ta' separazzjoni personali miftehma.

Rat in-nota tal-kontendenti datata 10 ta' Novembru 2003, a fol. 50, li permezz taghha esebew il-minuta tal-kuntratt ta' separazzjoni taghhom.

Rat il-verbal datat 11 ta' Novembru 2003, fejn id-difensuri nfurmaw lil Qorti li l-ftehim ahhari ma ntlahaqx. Il-Qorti ordnat lill-Assistent Gudizzjarju Dr. Beppe Fenech Adami biex sal-15 ta' Dicembru 2003 jiffissa l-ahhar zewg seduti ghall-provi tal-konvenut. Il-Qorti nnutat li *nonostante* li tat l-appuntament mal-ewwel biex jigi pubblikat il-kuntratt ta' separazzjoni, giet infurmata *seduta stante* li l-partijiet ma waslux dwar xi disgwid fuq xi depositu bankarju. Il-Qorti rriservat li tiehu l-provvedimenti opportuni kontra l-partijiet jew wiehed jew wahda minnhom skond il-ligi.

Rat il-verbal datat 15 ta' Jannar 2004, fejn Dr. Paul Farrugia nforma lil Qorti li *nonostante* diversi seduti ffissati mill-Assistent Gudizzjarju l-konvenut ma ressaqx il-provi. Il-Qorti ddikjarat li l-provi tal-partijiet huma maghluqa w ordnat lill-Assistent Gudizzjarju Dr. Beppe Fenech Adami biex jirritorna l-process. Il-Qorti tat lill-attrici l-fakolta' li tipprezenta nota ta' osservazzjonijiet fiz-zmien tlettin (30) gurnata bil-visto / notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu tlettin 30 gurnata biex jirrispondi, mid-data tan-

notifika ta’ nota tal-osservazzjonijiet, b’ dan li jekk in-nota attrici ma tigix ipprezentata fit-terminu ndikat, it-terminu ghan-nota tal-konvenut jibda jghaddi mill-gheluq tat-terminu moghti lill-attrici.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-attrici, datata 13 ta’ April 2004, minn fol. 60 sa fol. 66 tal-process.

Rat il-verbal datat 28 ta’ April 2004, fejn il-Qorti nnutat li l-process ma kienx ritornat mill-Assistent Gudizzjarju Dr. Beppe Fenech Adami minkejja li ntbaghtet *fax* lilu fil-21 ta’ Jannar 2004. Il-Qorti ordnat ghall-ahhar darba lill-Assistent Gudizzjarju biex jirritorna l-process fi zmien hmistax-il (15) gurnata mid-data tal-verbal.

Rat il-verbal datat 10 ta’ Gunju 2004, fejn il-Qorti nnutat li l-process gie ritornat mill-Assistent Gudizzjarju Dr. Beppe Fenech. Il-partijiet qablu li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment, illi miz-zwieg m’ hemmx tfal u l-partijiet jirrinunzjaw reciprokament ghall-manteniment u successjoni, li d-dar matrimonjali tinbiegh u r-rikavat jinqasam bin-nofs u li l-oggetti parafernali jigu ritornati lil kull parti, krediti nkluzi oggetti parafernali li gew moghtija lil naha wahda mill-familja, waqt iz-zwieg. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta’ Gunju 2004.

Rat ix-xhieda prodotta.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### I) APPREZZAMENT TAL-PROVI PRODOTTI.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li z-zwieg bejn il-partijet tkisser irremedjabilment u fuq din id-dikjarazzjoni hemm qbil bejn il-partijiet kif registrat fil-verbal ta’ l-ahhar seduta mid-difesnuri tal-partijiet datata 10 ta’ Gunju 2004. Illi in vista ta’ din id-dikjarazzjoni din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ l-ewwel talba attrici.

Illi mill-istess verbal hawn citat jirrizulta li l-partijiet irrinunzjaw reciprokament ghal kull dritt ta’ manteniment u dritt ta’ successjoni kontra xulxin, u ghalhekk dan ukoll qed jigi inkorporat fl-istess sentenza.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-partijiet jippossedu in komun bejniethom il-fond 29, Triq il-Kapuccini, Floriana, li kien mixtri minnhom qabel iz-zwieg taghhom permezz ta’ kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Henry Sciriha datat 15 ta’ Frar 1991, u fl-istess kuntratt jirrizulta li abbazi ta’ klawsola 9 ta l-istess il-partijiet odjerni kienu qabblu li l-attrici kienet harget is-somma ta’ Lm2,000 izjed mill-konvenut – *vide* fol. 35 tal-process.

Illi ghalhekk abbazi tal-premess, u peress li jirrizulta li l-istess post baqa’ jithallas id-dejn fuqhu mill-partijiet flimkien din il-Qorti tordna l-bejgh in subasta ta’ l-istess fond, b’dan li mir-rikavat l-istess attrici tithallas l-ewwel is-somma ta’ Lm2,000, kreditu parafernali taghha, u l-bilanc mir-rikavat jinqassam bin-nofs bejn il-partijiet, b’dan li tordna lill-konvenut sabiex ihallas l-ispejjez kollha ta’ servizzi tal-istess dar, inkluzi l-kontijiet u kera ta’ dawl, ilma, u telefon, *stante* li jirrizulta mill-provi prodotti li l-istess konvenut wahdu okkupa l-istess dar mid-data mill-ahhar ta’ Settembru 1999, meta l-istess attrici abbandunat id-dar konjugali ghar-ragunijiet minnha moghtija fix-xhieda taghha.

Illi jirrizulta wkoll mill-provi prodotti, li lanqas huma in verita’ kontestati, li l-istess attrici ghandha tigi assenjata l-kamra tas-sodda u l-kcina li hemm fl-istess fond *stante* li jirrizulta li dawn inxtraw mill-attrici qabel iz-zwieg kif jirrizulta mir-ricevuti mmarkati bhala Dok. “MZ2” u “MZ 3” (fol. 37 u fol. 38) datati rispettivament 3 ta’ April 1992 u 3 ta’ Frar 1990, u dan anke ghaliex il-partijiet zzewgu biss fil-24 ta’ April 1992.

Illi ma dan hija ghandha tigi kkonsenjata wkoll d-*dehumidifier, microwave, cooker u fridge* li lkoll inxtraw qabel iz-zwieg mill-istess attrici, skond dikjarazzjonijiet u xhieda taghha li bl-ebda mod ma’ gew kontradetti mill-istess konvenut.  Fl-ahharnett l-istess attrici ghandha

tinghata lura lilha l-bjankerija kollha li hija gabhet maghha qabel iz-zwieg.

Illi min-naha l-ohra l-konvenut ghandu jigi assenjat l-mobbli parafernali tieghu konsistenti fil-purtieri, *bedspreads, fridge, fan, unit*, mejda tal-*unit, stereo, video, playstation, dinner set,* u fajjenza, *stante* li kif inghad fl-istess abboz ghall- ftehim konsenswali bejn il-partijiet, dawn kienu gew moghtija lill-konvenut minn ommu stess, u ghalhekk huwa gust u ekwu li l-istess jibqghu fil-pussess ta’ l-istess konvenut. *Oltre’* dan l-istess konvenut ghandu jigi assenjat erba’ (4) crieket tad-deheb, zewg pari imsielet, domna ta’ Padre Pio, gizirana, par fili, u curkett taz-ziemel, li jidher li mill-istess abboz l-istess attrici kienet lesta li tassenja lill-konvenut, u ma jidhirx mill-atti li l-istess attrici qed taghmel xi pretensjoni dwar l-istess.

Illi bejn il-partijiet jidher li jibqa’ in komun *life insurance policy* tal-Middle Sea Insurance p.l.c. numru N 29356 N mahruga konguntivament fuq il-partijiet liema polza ghandha tigi terminata bejn il-partijiet u r-rikavat taghha jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet, filwaqt li l-vettura Reg. No. DAD – 851 u l-mobbli l-ohra mhux fuq indikati li jinsabu fid-dar konjugali ghandhom jinbieghu wkoll in subasta u r-rikavat ta’ l-istess, wara li jithallas kull dejn li hemm jew jista’ jkun fuq l-istess karozza, ghandu jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut biss in kwantu l-istess huma nkompatibbli ghal dak hawn deciz, u filwaqt li **tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-raba’ talba attrici** *in vista’* anke ta’ dak verbalizzat mill-partijiet fis-seduta tal-10 ta’ Gunju 2004, **tilqa’ l-kumplament tat-talbiet attrici** biss fis-sens hawn deciz, anke *in vista’* ta’ dak maqbul bejn il-partijiet fl-imsemmi verbal tal-10 ta’ Gunju 2004, b’dan illi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan *stante* li l-partijiet qabblu li z-zwieg bejniethom tkisser irremedjabiment u *in verita'* jirrizulta ammess li hekk huwa u ghalhekk is-separazzjoni personali bejn il-partijiet qed tigi ddikjarata ghal din ir-raguni.

2. Tiddikjara li l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti hija xolta u dan b'effett mid-data ta' din is-sentenza;

3. Tilqa' t-tielet talba attrici b'dan din il-Qorti tordna l-bejgh in subasta tal-fond 28/29 Kapuccin Street, Floriana, liema fond ma ghandhux b'effett mid-data ta' din is-sentenza jibqa' jigi kkonsidrat bhala fond matrimonjali tal-partijiet, b'dan li mir-rikavat tal-istess bejgh l-istess attrici tithallas l-ewwel is-somma ta' Lm2,000, kreditu parafernali taghha u l-bilanc mir-rikavat imsemmi jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet, b'dan pero' li tordna lill-konvenut sabiex ihallas l-ispejjez kollha ta' servizzi tal-istess dar, inkluzi l-kontijiet u kera ta' dawl, ilma, u telefon, *stante* li jirrizulta mill-provi prodotti li l-istess konvenut wahdu okkupa l-istess dar mill-ahhar ta' Settembru 1999, meta l-istess attrici abbandunat id-dar konjugali ghar-ragunijiet minnha moghtija fix-xhieda taghha;

Illi bejn il-partijiet jidher li jibqa' in komun *life insurance policy* tal-Middle Sea Insurance p.l.c. numru N 29356 N mahruga konguntivament fuq il-partijiet, liema polza ghandha tigi terminata bejn il-partijiet u r-rikavat taghha jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet, filwaqt li l-vettura Reg. No. DAD – 851 u l-mobbli l-ohra kollha mhux hawn indikati u assenjati specifikatament f'din id-decizjoni u li jinsabu f'dik li kienet id-dar matrimonjali ghandhom jinbieghu wkoll in subasta u r-rikavat tal-istess, wara li jithallas kull dejn li hemm jew jista' jkun fuq l-istess karozza, ghandu jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet;

Illi *'noltre* din il-Qorti tassenja lill-istess attrici l-kamra tas-sodda, l-kcina, d-*dehumidifier, microwave, cooker u fridge* li hemm fl-istess fond, flimkien mal-bjankerija kollha li hija

gabhet maghha qabel iz-zwieg u ghalhekk tordna lill-konvenut sabiex jikkonsenja l-istess oggetti lill-attrici fi zmien qasir u perentorju ta' tlettin (30) gurnata mid-data ta' din s-sentenza;

Illi min-naha l-ohra din il-Qorti tassenja lill-konvenut l-mobbli parafernali tieghu konsistenti fil-purtieri, *bedspreads, fridge, fan, unit*, mejda tal-*unit, stereo, video, playstation, dinner set,* u fajjenza. *Oltre'* dan l-istess konvenut qed jigi assenjat erba' (4) crieket tad-deheb, zewgt pari imsielet, domna ta' Padre Pio, gizirana, par fili, u curkett taz-ziemel.

4. Illi din il-Qorti, *in vista* tad-dikjarazzjoni tal-partijiet *tramite* d-difensuri taghhom fil-verbal datat 10 ta' Gunju 2004, fejn il-partijiet irrinunzjaw reciprokament ghall-manteniment u siccessjoni minn u kontra xulxin u fil-konfront ta' xulxin, din il-Qorti tasjteni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-istess talba attrici;

Tawtorizza lill-attrici sabiex tirreverti ghall-kunjom xbubitha "Giusti" skond id-disposizzjonijiet tal-ligi.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-proceduri tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------